# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Wieħed u tletin (31) ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru 417/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**It-Tabib Joseph Ferriggi (K.I. 300357M)**

**Judith Ferriggi (K.I. 61554M)**

**Alison Ferriggi (K.I. )**

**Brenda Lee Ferriggi (K.I. )**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti:-**

1. Rat illi fil-15 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrenti ippreżentaw rikors, li permezz tiegħu talbu s-segwenti:

> *Illi r-rikorrenti huma d-diretturi u azzjonisti tas-soċjetajiet Jibella Holdings Limited (C-14398), AJF Company Limited (C-17912) u Bella G Holdings Limited (C-21665).*
>
> *Illi wara d-debita notifika a tenur tal-Artikolu 325 (1) tal-Att dwar il-Kumpanniji 1995, s-soċjetajiet imsemmija ġew xjolti u mħassra mir-Reġistru tas-Soċjetajiet mill-intimat Reġistratur, a tenur tal-Artikolu 325 (2).*

*Illi l-imsemmi xoljiment u tħassir ġie reġistrat fir-Reġistru tas-Soċjetajiet wara d-debiti pubblikazzjonijiet tal-istess skond il-Liġi, kif jintwera' waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Illi bl-operat tal-Artikolu 325 (2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, ix-xoljiment u t-tħassir tas-soċjetajiet imsemmija jimporta telf awtomatiku tal-assi attivi kollha tagħha favur il-Gvern ta' Malta.*

*Illi s-soċjetajiet imsemmija fil-mument tat-tħassir tagħhom minn fuq ir-Reġistru kellhom patrimonju konsistenti f'diversi proprjetajiet immobiljari, kif jiġi ppruvat, liema proprjetajiet għalhekk jitqiesu skond il-Liġi li għaddew favur il-Gvern ta' Malta, kif intqal fuq.*

*Illi l-mogħdija ta' dawn il-proprjetajiet immobiljari a favur il-Gvern ta' Malta a tenur tal-Artikolu 352 (2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, minflok ma għaddew għand l-azzjonisti, ossia r-rikorrenti odjerni in via ta' xoljiment u t-tħassir mir-Reġistru Soċjetarju kif intqal fuq, huwa bi ksur tad-Drittijiet Fondamentali tal-esponenti kif sanċit mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bi ksur tal-Artikolu 39 (2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Protokol għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fondamentali, kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni, u għaldaqstant għandu jitqies li huwa null u bla effett fil-Liġi.*

*Illi bħala konsegwenza tal-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti kif intqal fuq, dawn sofrew ħsara kif jiġi pruvat.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilmenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara li l-mogħdija a favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjetajiet u patrimonju attiv tas-soċjetajiet Jibella Holdings Limited (C-14398), AJF Company Limited (C-17912) u Bella G Holdings Limited (C-21665) bħala konsegwenza tax-xoljiment u tħassir tal-imsemmija soċjetajiet kif intqal fuq, huwa bi ksur tad-Drittijiet Fondamentali tal-esponenti kif sanċit mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bi ksur tal-Artikolu 39 (2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fondamentali, kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni, u għaldaqstant għandha titqies li hija nulla u bla effett fil-Liġi.*

2. *Tiddikjara konsegwentament illi bħala riżultat tat-tħassir u x-xoljiment tal-kumpaniji Jibella Holdings Limited (C-14398), AJF Company Limited (C-17912) u Bella G Holdings Limited (C-21665), il-proprjetajiet u patrimonju attiv imsemmija għandhom jgħaddu lura mingħand il-Gvern ta' Malta a favur ir-rikorrenti b'mod indiviż u fis-sehem a proporzjon tal-ishma li dawn kellhom fis-soċjetajiet imsemmija.*

3. *Tordna li fil-fatt l-imsemmija proprjetajiet u patrimonju attiv jgħaddu lura mingħand il-Gvern ta' Malta a favur ir-rikorrenti b'mod indiviż u fis-sehem a proporzjon tal-ishma li dawn kellhom fis-soċjetajiet imsemmija kif intqal fuq u għar-raġunijiet mogħtija.*

4. *Tillikwida kwalsiasi kumpens dovut lir-rikorrenti bħala riżultat tal-ksur tad-drittijiet tagħhom kif intqal fuq.*

5. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallas lill-intimati tali kumpens kif likwidat.*

*Bl-ispejjeż.*

2. Rat illi fil-31 ta' Awissu 2021 l-**Avukat ta' l-Istat**, irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

***Eċċezzjoni preliminari***

*1. Illi preliminarjament, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex ir-rikorrenti ma eżawrixxewx ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavolaw din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, ir-rikorrenti għad fadlilhom ir-rimedju ordinarju u effettiv mogħti mil-liġi fl-artikolu 325(4) tal-Kap. 386[1] - ara wkoll Michael Angelo Fenech vs Reġistratur tal-Kumpanniji deċiża nhar l-10 ta' Diċembru 2018. Għalhekk l-esponent umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dawn l-artikoli;*

***Eċċezzjonijiet fil-mertu***

*2. Illi fil-mertu, l-esponent jiddikjara li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija mir-rikorrenti u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*3. Illi l-artikolu 325 tal-Kap. 386 huwa artikolu ferm neċessarju u li jirregola kumpanniji li ma jkunux qed joperaw. Wieħed irid jifhem li kull kumpannija għandha l-obbligi tagħha mposti mil-liġi, u meta l-kumpanniji jonqsu milli jimxu skont dawn l-obbligi ripetutament u jonqsu anki milli jwieġbu għall-komunikazzjonijiet mibgħuta lilhom, hemm numru ta' konsegwenzi;*

*4. Illi fil-każ preżenti rriżulta li:*

*a) l-kumpannija Jibella Holdings Limited (C 14398), imħassra mir-Reġistru nhar is-26 ta' Ġunju 2020, ippreżentat l-aħħar Financial Statements fl-2002 u l-aħħar Annual Return fl-2001;*

[1] "*Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar...*"

b) *il-kumpannija AJF Company Limited (C 17912), imħassra mir-Reġistru nhar l-20 ta' Ġunju 2020, qatt ma ppreżentat Financial Statements u l-aħħar Annual Return ġiet ippreżentata fis-sena 2000; u*

c) *l-kumpannija Bella G Holdings Limited (C 21665), imħassra mir-Reġistru nhar is-7 ta' Marzu 2021, ma kellhiex diretturi u ppreżentat l-aħħar Financial Statements fis-sena 2000 u l-aħħar Annual Return fl-2001;*

*5. Illi dan kollu juri kemm il-kumpanniji ma kinux qed jaderixxu mal-obbligi tagħhom skont il-liġi u wara tant snin ta' inadempjenza, ir-Reġistratur tal-Kumpanniji ġustament kellu raġuni biżżejjed biex jaħseb li l-kumpanniji ma kinux qed joperaw u kien għalhekk li bagħat lill-kumpanniji ittri bil-posta fejn staqsa jekk il-kumpanniji kinux qed imexxu negozju jew jekk kinux qed joperaw;*

*6. Illi peress li minkejja li l-kumpanniji kienu notifikati bl-ittri, ir-Reġistratur ma rċieva l-ebda risposta, għaldaqstant huwa pproċeda skont id-dettami tal-liġi fejn* ***bagħat jinforma lill-kumpaniji*** *bil-posta u ppubblika avviż fuq il-website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum – it-Times, li f'* ***għeluq tliet xhur mid-data tal-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-isem tal-kumpanija għandu, jitħassar minn fuq ir-reġistru, u l-attiv tal-kumpanija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta****. Din il-parti tal-liġi tiġi fis-seħħ jekk kemm-il darba ma tintweriex raġuni biex isir kuntrarju; jew jekk ir-Reġistratur ma jkunx sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed biex ma jipproċedix bit-tħassir;*

*7. Illi fil-każ preżenti ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mingħand ir-rikorrenti u għalhekk ir-Reġistratur ma kellux għażla oħra ħlief li jħassar il-kumpanniji minn fuq ir-Reġistru u l-attiv tal-kumpanniji jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta;*

*8. Illi mhux sew li għax ir-rikorrenti naqsu għal snin twal milli jimxu skont dak li hu mitlub minnhom mil-liġi, jiftħu kawża kostituzzjonali biex jattakkaw l-artikolu tal-liġi li suppost imxew miegħu bl-għajta li dan l-artikolu qed jikser id-drittijiet fundamentali tagħhom;*

*9. Illi l-artikolu 325 jagħti ċ-ċansijiet kollha lill-kumpanniji sabiex jirranġaw is-sitwazzjoni tagħhom u jerġgħu jiġu in linea ma' dak li tirrikjedi l-liġi. Wara dan il-proċess kif imniżżel fl-artikolu 325(4), kumpannija li tkun imħassra tista' titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha bħallikieku isimha ma kienx imħassar. Iżda, dan ikun jista' jsir, jekk ikun hemm impenn sħiħ mir-rikorrenti sabiex jaraw li jitħallsu l-penali sostanzjali, jiddaħħlu d-dokumenti kollha rikjesti mil-liġi u jimxu skont id-direttivi kollha tar-Reġistratur. Huwa f'dak l-istadju biss li l-Qorti mbagħad tordna li l-ismijiet tal-kumpanniji jergħu jidħlu fir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

***Rigward l-artikolu 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni***

*10.Illi r-rikorrenti għandhom juru b'liema mod u manjiera d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq ġie miksur. L-esponenti jissottolinea li r-rikorrenti ngħataw kull opportunita' biex isemmgħu leħinhom u jagħtu spjega dwar jekk il-kumpanniji humiex qed joperaw jew le, u jekk hemmx raġunijiet validi għaliex il-kumpanniji m'għandhomx jitħassru mir-Reġistru. Kienu r-rikorrenti li rrinunzjaw għad-dritt*

*tagħhom li jesprimu ruħhom u jagħtu r-raġunijiet tagħhom u dan meta baqgħu siekta għall-interpellazzjonijiet tar-Reġistratur; u għalhekk, imputet sibi;*

***Rigward l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni***

*11.Illi l-Artikolu 37 ma japplikax għall-każ preżenti għaliex hawn mhux qed nitkellmu dwar teħid forzuż bħal meta jkollok każ ta' esproprijazzjoni; u anki ai termini ta' dak li hemm imniżżel fl-artikolu 37(2)(b) u/jew (j) tal-Kostituzzjoni;*

*12.Illi għal dak li jirrigwarda l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, il-proviso ta' dak l-artikolu huwa ċar meta jgħid li:*

*"Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."*

*13.Illi l-attiv tal-kumpannija għadda f'idejn il-Gvern ta' Malta unikament għaliex il-kumpanniji kienu ilhom madwar għoxrin sena ma jimxu skont il-provvedimenti tal-Kap. 386 u ma kien hemm ħadd li wieġeb għan-nom tal-kumpanniji meta r-Reġistratur bagħat il-komunikazzjonijiet tiegħu fl-indirizzi rreġistrati tal-kumpanniji. Kien għalhekk li l-kumpanniji ġew meqjusa bħala abbandunati u minħabba din ir-raġuni li l-kumpanniji ġew imħassra mir-Reġistru u l-proprjetajiet tagħhom għaddew għand il-Gvern;*

*14.Illi għal kull buon fini, irid jiġi dejjem enfasizzat li r-rikorrenti għadhom jistgħu jerġgħu jieħdu lura l-proprjeta' tagħhom u dan ikompli juri kemm l-ilmenti tar-rikorrenti huma bla bażi;*

***Konklużjoni***

*15.Fid-dawl ta' dak li ntqal sa issa, għandu jirriżulta biċ-ċar li r-rikorrenti ma huma ntitolati għall-ebda kumpens għaliex id-drittijiet fundamentali tagħhom ma ġew bl-ebda mod mittiefsa;*

*16.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

3. Rat illi fis-7 ta' Settembru 2021, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** ppreżenta risposta fejn qajjem is-segwenti difiżi:

*<u>Illi preliminarjament</u>, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha f'dawn il-proċeduri għaliex dawn il-proċeduri qegħdin jiġu intavolati fi żmien il-ħames snin mill-għeluq tal-kumpaniji u għalhekk, ir-rikorrenti għad fadlilhom ir-rimedju ordinarju u effettiv mogħti mil-*

*liġi fl-artikolu 325(4) tal-Kap. 386 qabel ma jużaw proċeduri kostituzzjonali u dan skont id-disposizzjonijiet tal- proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319;*

***Eċċezzjonijiet fil-mertu***

*Illi fil-mertu, l-esponent jiddikjara li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija mir-rikorrenti u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*Illi l-kumpaniji* ***Jibella Holdings Limited (C 14398)****,* ***AJF Company Limited (C 17912)*** *u* ***Bella G Holdings Limited (C 21665)*** *kienu ġew reġistrati fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fis-6 ta' Novembru 1992, fl-1 ta' Marzu 1995, fis-16 ta' Lulju 1997 rispettivament;*

*Illi fiż-żmien li damu fuq ir-Reġistru, il-kumpaniji naqsu mill-obbligi tagħhom illi jibgħatu kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, filwaqt illi* ***AJF Company Limited (C 17912)*** *di piu naqqset ukoll milli tibgħat informazzjoni dwar sidien benefiċjarji. Tant hu hekk illi fil-każ ta'* ***Jibella Holdings Limited (C 14398)*** *l- aħħar prospett annwali reġistrat mar-Reġistratur kien dak tas-sena 2001 filwaqt illi l-aħħar kont annwali reġistrat kien dak tas-sena 2002, hekk kif annessi u mmarkati "****Dok A".*** *Il-kumpanija* ***AJF Company Limited (C17912)*** *rreġistrat l-aħħar prospett annwali mar-Reġistratur datat 2000, hekk kif anness u mmarkati "****Dok B****", filwaqt illi l-istess kumpanija qatt ma rreġistrat kontijiet annwali matul iż-żmien kollu li kienet fuq ir-Reġistru. L-aħħar prospett annwali reġistrat tal-kumpanija* ***Bella G Holdings Limited (C 21665)*** *kien dak tas-sena 2001 u l-aħħar kont annwali tagħha kien dak tas-sena 2000, hekk kif annessi u mmarkati "****Dok C****";*

*Illi di piu' il-kumpanija* ***Bella G Holdings Limited (C 21665)*** *ilha mingħajr diretturi u segretarju tal-kumpanija sa mis-17 ta' Mejju 2017, hekk kif anness u mmarkat "****Dok D****";*

*Illi tali nuqqasijiet kienu raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi il-kumpaniji in kwistjoni ma kienux qed toperaw jew imexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji;*

*Illi in vista ta' suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpaniji biex javża illi l-isem tal-kumpaniji kien ser jiġi mħassar minn fuq il-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi fil-konfront ta'* ***Jibella Holdings Limited (C 14398)*** *ir-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill- kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha kif ukoll lill- uniku direttur tal-kumpanija li għandhom l-istess indirizz li huwa 'Villa Jibella', G. Ganado Street, Tal-Virtu', Rabat, Malta, datata, 12 ta' Frar 2020, hekk kif anness u mmarkat "****Dok E****";*

*Illi it-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija u kif ukoll lill-istess direttur fuq l-istess indirizz fil-25 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'din l-ittra il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 ta' l-Att dwar Il-Kumpanniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir ta' l-isem tal-kumpanija.*

*Illi fil-25 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta, annessa u mmarkata "**Dok F**" fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fis-26 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru, hekk kif anness u mmarkat "**Dok G**";*

*Illi fil-konfront ta'* ***AJF Company Limited (C 17912)*** *ir-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill- kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha ' AJF Company Limited' 3, Victory Street, Rabat, Malta kif ukoll liż-żewġ diretturi tal-kumpanija Anthony Fenech fl-indirizz Ta' Bajri, Kunċizzjoni, Rabat, Malta, u lil Joseph Ferriġġi fl-indirizz 'Villa Jibella', G. Ganado Street, Tal-Virtu', Rabat, Malta, datata, 27 ta' Frar 2020, hekk kif anness u mmarkat "**Dok H**";*

*Illi it-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija u kif ukoll lill-istess diretturi fuq l-istess indirizzi fit-30 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'din l-ittra il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpaniji, f'każ li ma twegibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u it-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir ta' l-isem tal-kumpanija.*

*Illi fit-30 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta anness u mmarkat "**Dok I**" fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-30 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru, anness u mmarkat "**Dok J**";*

*Illi fil-konfront ta'* ***Bella G Holdings Limited (C 21665)*** *ir-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija biss la darba ma kien hemm l-ebda diretturi reġistrati, fuq l-indirizz reġistrat tagħha 4, Block 3, Għexierem Street, Rabat, Malta, datata, 5 ta' Novembru 2020, hekk kif anness u mmarkat "**Dok K**";*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija fuq l-istess indirizz fis-7 ta' Diċembru 2020;*

*Illi f'din l-ittra l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fis-7 ta' Diċembru 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta anness u mmarkat "**Dok L**" fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-8 ta' Marzu 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru, hekk kif anness u mmarkat "**Dok M**";*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviżi tat-tħassir u għalhekk għadhom fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi l-artikolu 325 jagħti żmien u l-opportunitajiet kollha lill-kumpanniji sabiex jirranġaw is-sitwazzjoni tagħhom u jerġgħu jaderixxu ma' dak li tirrikjedi l-liġi. Wara dan il-proċess kif imniżżel fl-artikolu 325(4), kumpannija li tkun imħassra tista' titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha bħallikieku isimha ma kienx imħassar. Iżda, dan ikun jista' jsir, jekk ikun hemm impenn sħiħ mir-rikorrenti sabiex jaraw li jitħallsu l-penali sostanzjali, jiddaħħlu d-dokumenti kollha rikjesti mil-liġi u jimxu skont id-direttivi kollha tar-Reġistratur. Huwa f'dak l-istadju biss li l-Qorti mbagħad tordna li l-ismijiet tal-kumpanniji jergħu jidħlu fir-Reġistru tal-Kumpanniji;*

*Illi fil-konfront ta' **Jibella Holdings Limited (C 14398)** l-ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal **EUR 2,728.24.***

*Illi di piu' il-penali fuq il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal **EUR 17,048.***

*Illi fil-konfront ta' **AJF Company Limited (C 17912)** l ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal **EUR 2,464.71.***

*Illi di piu' il-penali fuq nuqqas ta' informazzjoni dwar sidien benefiċċjarji, prospetti annwali u l-kontijiet annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal **EUR 24,642.***

*Illi fil-konfront ta' **Bella G Holdings Limited (C 21665)** l-ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal **EUR 26,296.43.***

*Illi di piu' il-penali fuq il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal **EUR 19,051.***

*Rigward l-artikolu 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

*Illi fil-fehma tal-esponenti, fl-ebda mument ma ġie miksur id-dritt tar-rikorrenti ta' smiegħ xieraq. Infatti ir-rikorrenti kienu ġew avżati diversi drabi u ġew mibgħuta diversi ittri u notifiki biex jaderixxu mal-liġi qabel ma ttieħed il-pass li jingħalqu dawn it-tliet kumpaniji. Saħansitra ġew anke ippubblikati notifiki fuq gazzetti ewlenin f'Malta biex kull min seta' kellu xi interess f' dawn il-kumpaniji anke terzi persuni seta' jikkomunika mal-esponenti biex jitwaqqfu l-proċess ta' tħassir minn fuq ir-Reġistru.*

***Rigward l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni***

*Illi fil-fehma ta' l-esponenti l-Artikolu 37 ma japplikax għall-każ preżenti għaliex hawn mhux qed nitkellmu dwar teħid forzuż ta' propjeta', ir-rikorrenti kienu ilhom jiġu avżati xhur bil-konsegwenzi jekk kienu se jibqgħu inadempjenti. Di piu' ta' min jerġa jemfasizza li la darba għadhom ma għaddewx il-ħames snin mill-għeluq tal-kumpanijji, għad hemm ċans illi l-proprjeta' tiġi rkuprata taħt il-proċedura tal-artikolu 325 stess. Għaldaqstant la darba se mai, jiġu ntavolati l-proċeduri adekwati fi żmien stipulat mill-liġi, r-rikorrenti jistgħu jerġgħu jingħaw il-propjetajiet f'isem il-kumpaniji lura salv istruzzjonijiet oħra mill-Onorabbli Qorti biex dan iseħħ, u għalhekk dan kollu ikompli juri kemm dan l-ilment huwa infondat;*

*Hija fl-interess tal-uffiċjali tal-kumpaniji illi jżommu d-dokumentazzjoni aġġornata għaliex fin-nuqqas li jagħmlu dan ikunu qed jippreġudikaw l-interess ta' terzi persuni illi għandhom interess fil-kumpaniji. Il-kumpaniji in kwistjoni, kif diġa' ntqal naqsu milli jissottomettu d-dokumentazzjoni rikjesta mil-liġi, naqsu milli jħallsu l-penali maħruġa mir-Reġistratur u ppretendew illi r-Reġistratur ma jiħux azzjoni fuq in-nuqqasijiet tagħhom.*

***Konklużjoni***

*Fid-dawl ta' dak li ntqal sa issa, għandu jirriżulta biċ-ċar li r-rikorrenti ma huma ntitolati għall-ebda kumpens għaliex id-drittijiet fundamentali tagħhom ma ġew bl-ebda mod vjolati;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali.*

*Bl-Ispejjeż.*

## Provi

4. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2021, din il-Qorti wara li semgħet il-partijiet jitrattaw fuq il-punt preliminari, qieset, bi ftehim mal-partijiet, illi stante li l-fatti fil-meritu huma diġà ċari, ikun opportun li l-kwistjoni kollha tiġi deċiża f'daqqa.

5. Rat in-nota tar-rikorrenti ippreżentata fit-18 ta' Jannar 2022, li permezz tagħha elenkat il-propjetajiet li kull kumpanija kellha fil-pussess tagħha (fol 84).

6. Rat li fit-18 ta' Jannar 2022, l-avukat difensur tar-rikorrenti irrileva li, riżultat ta' l-azzjoni tal-awtoritajiet, il-proprjetajiet indikati fil-lista fol 84, awtomatikament ingħaddew lill-Gvern ta' Malta, huwa dan li dwaru r-rikorrenti qed jagħmlu l-lanjanza tagħhom.

7. Rat ukoll illi fit-18 ta' Jannar 2022, l-avukat difensur tar-rikorrenti informa lill-Qorti li l-proċedura ta' reintegrazzjoni tal-kumpaniji ma saritx, u mhux l-intenzjoni tar-rikorrenti li jagħmluha issa.

8. Rat li l-avukat difensur tar-rikorrenti ikkonferma l-proċess kollu kif deskritt fir-risposti tal-intimati, li wassal għat-tħassir eventwali tal-kumpaniji huwa kif indikat fl-istess risposti, u konferma l-metodoloġija kif adoperata u spjegata fir-risposti tal-intimati.

9. Rat li fit-18 ta' Jannar 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara li ingħalqu l-provi tal-partijiet.

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrenti ippreżentata fit-12 ta' Lulju 2022 (fol 92).

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-Reġistratur tal-Kumpaniji ppreżentata fl-10 ta' Novembru 2022.

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-23 ta' Frar 2023.

13. Rat illi fit-23 ta' Frar 2023, il-konsulent legali tar-rikorrent talab illi jittratta oralment.

14. Semgħet it-trattazzjoni orali illi saret fit-8 ta' Ġunju 2023, wara liema trattazzjoni, il-kawżż ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

15. Jirriżulta li r-rikorrenti kienu d-diretturi u azzjonisti tas-soċjetajiet Jibella Holdings Limited, AJF Company Lmited u Bella G. Holdings Limited.

16. Jirriżulta li wara d-debita notifika a tenur tal-artikolu 325(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995, is-soċjetajiet imsemmija ġew xolti u mħassra mir-Reġistru tas-soċjetajiet mill-istess intimat Reġistratur tal-Kumpaniji. Dan sar a tenur tal-artikolu 325(2) tal-Att Dwar il-Kumpaniji.

17. Jirriżulta, di fatti, illi s-soċjeta' Jibella Holdings Limited ġiet imħassra fis-**26 ta' Ġunju 2020**, wara illi kienet ippreżentat l-aħħar Financial Statement tagħha tmintax-il sena qabel, ossija fis-sena 2002, u ppreżentat l-aħħar Annual Return tagħha fis-sena 2001.

18. Jirriżulta, ukoll, illi s-soċjeta' AJF Comapny Limited ġiet imħassra fl-**20 ta' Ġunju 2020**, wara illi QATT ma ppreżentat Financial Statement u ppreżentat l-aħħar Annual Return tagħha għoxrin sena qabel, ossija fis-sena 2001.

19. Jirriżulta, finalment, illi s-soċjeta' Bella G Holdings Limited ġiet imħassra fis-**7 ta' Marzu 2021**, wara illi ma kellhiex diretturi, u kienet ippreżentat l-aħħar Financial Statement tagħha wieħed u għoxrin sena qabel, ossija fis-sena 2000, u ppreżentat l-aħħar Annual Return tagħha fis-sena 2001.

20. Jirriżulta illi, ex lege, wara li t-tħassir tal-kumpaniji ġie irreġistrat fir-Reġistru tal-Kumpaniji, u wara d-debiti pubblikazzjonijiet tal-istess skont il-liġi, permezz ta' l-artikolu 325(2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, l-assi awtomatikament għaddew favur il-Gvern ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

21. Jirriżulta illi ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw li ġew leżi d-drittijiet tagħhom kif sanċit mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bi ksur tal-artikolu 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u kif ukoll l-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni Ewropea, wara li l-kumpaniji ġew imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji w il-propjetajiet u l-patrimonju attiv tal-istess kumpaniji għaddew għand il-Gvern ta' Malta.

22. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati qajjmu varji difiżi, kemm fil-meritu kif ukoll preliminari, fejn, fuq bażi preliminari, ż-żewġt intimati saħqu illi il-proċeduri kienu intempestivi għaliex ir-rikorrenti ma eżawrixxewx ir-rimedji ordinarji qabel ma intavolaw din il-kawża. Jikkontendu, fil-fatt, li r-rikorrenti għad fadlilhom rimedju ordinarju u effettiv mogħti mil-liġi fl-artikolu 325(4) tal-Kap 386. Għalhekk, qed jiġi sostnut li din il-Qorti, għandha tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha, u dan skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319.

**Difiżi preliminari tal-Avukat tal-Istat u tar-Reġistru tal-Kumpaniji**

**L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari tal-Avukat tal-Istat u l-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari tar-Reġistratur tal-Kumpaniji.**

23. Din il-Qorti tqis illi jkun opportun illi l-ewwel tqis u tkkunsidra l-eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati, ossija li ma ġewx eżawriti r-rimedji kollha.

24. L-intimati, di fatti, sostnew li l-Qorti għandha tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha, għaliex dawn il-proċeduri qegħdin jiġu intavolati qabel ma skadew il-ħames snin mill-għeluq tal-kumpaniji u għalhekk ir-rikorrenti kien għad fadlilhom ir-rimedju ordinarju u effettiv mogħti mil-liġi fl-artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 qabel ma jużaw il-proċeduri kostituzzjonali.

25. Il-Qorti hawn tibda billi jirriżulta li s-soċjetajiet Jibella Holdings Limited, AJF Company Limited u Bella G Holdings Limited, wara d-debita notifika a tenur tal-artikolu 325(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji, ġew xolti u imħassra mir-Reġistru tal-kumpaniji kif ġej:

    a. il-kumpanija Jibella Holdings Limited ġiet xolta fil-**<u>25 ta' Ġunju 2020</u>**.
    b. il-kumpannija AJF Company Limited ġiet imħassra fit-**<u>30 ta' Ġunju 2020</u>**.
    c. il-kumpannija Bella G Holdings Limited ġiet imħassra fis-**<u>7 ta' Marzu 2021</u>**.

26. Jirriżulta illi **l-artiklu 325(4) tal-Kap 386** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi dan li ġej:

> *"Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-qorti jkollha interess li tħossha aggravata, bil-fatt li l-isem tal-kumpanija ikun tħassar minn fuq ir-reġistru, bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-qorti fuq rikors magħmul minn membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra,* ***qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż ta' tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3)****, tista, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali, ta' l-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku ż-żmien ma kienx tħassar; u l-qorti tista' bl-ordni tagħha, tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa, biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin, dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih, jgħaddi biex jippubblika avviż fil-gazzetta jew fuq websajt miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum, li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f' Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*"

27. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi r-rikorrenti, bħala diretturi u azzjonisti tas-soċjetajiet fuq imsemmija, għandhom **ħames snin** sabiex jitolbu r-revoka tat-tħassir, liema ħames snin jibda jiddekorri minn dakinhar illi jkun sar it-tħassir.

28. Jirriżulta illi l-kawża odjerna saret fil-15 ta' Ġunju 2021, meta l-perjodu ta' ħames snin stabbilit mil-ligi kien għadu ma skadiex fil-konfront tat-tħassir ta' ebda mit-tlett kumpanniji.

29. Jirriżulta, di fatti, illi tant huwa hekk, illi, kif ġie osservat UNIKAMENT fis-sottomissjonijiet tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, u QATT ma ġie indikat mir-rikorrenti fil-każ odjern, fil-mori tal-kawża odjerna, ir-rikorrenti ppreżentaw tlett proċeduri separati sabiex jikkontestaw it-tħassir abbażi tal-Liġi fuq kkwotata, ossija :

    a. ***Ferriggi Joseph et vs Reġistratur tal-Kumpaniji*** (Rikors Numru 66/2022),
    b. ***Jibella Holdings Limited et vs Reġistratur tal-Kumpaniji*** (Rikors Numru 64/2022),
    c. ***Jibella Holdings Limited vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji*** (Rikors Numru 63/2022).

30. Jirriżulta illi l-intimati insistew illi l-proċeduri odjerni qatt ma kellhom isiru, u, in sostenn għall-eċċezzjoni preliminari, l-Avukat tal-Istat, fis-sottomissjonijiet tiegħu, għamel referenza vasta għall-ġurisprudenza f'dan ir-rigward, fosthom, il-każ **John Grech vs Onorevoli Prim Ministru** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali, fejn saret referenza wkoll għall-każ **Olena Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs** deċiża fis-16 ta' Jannar 2006, fejn ingħad, li:

> *"....... huwa assodat fil-ġurisprudenza li biex l-ewwel qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjoni tagħha, jeħtieġ li l-liġi ordinarja tagħti rimedju prattiku, aċċessibbli, effettiv, adegwat, u sħiħ għal-lanjanza tar-rikorrent. Mhuwiex neċessarju suċċess garantit iżda li r-rikorrent ikollu l-*

*opportunità fil-liġi ordinarja li jakkwista tali rimedju fl-applikazzjoni ta' din il-liġi."*

31. Din il-Qorti tirrileva illi jidher ċar li r-rikorrenti istitwew din il-proċedura kostituzzjonali speċjali QABEL ma eżawrew ir-rimedju ordinarju mogħtija mil-liġi.

32. Din il-Qorti u, partikolarment, il-proċeduri ta' natura Kostituzzjonali, huma intiżi sabiex jintużaw UNIKAMENT f'każ illi r-rimedji kollha lilhom mogħtija jiġu eżawriti – fil-każ odjern, jidher ċar daqs il-kristall illi r-rikorrenti kienu naqsu milli juzaw ir-rimedji lilhom mogħtija u intavolaw il-proċeduri odjerni META KIENU GĦADHOM FIT-TERMINU illi jipproċedu bir-rimedji ordinarji tagħhom.

33. **Din il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-disappunt tagħha għall-abbuż sfaċċat ta' dawna l-proċeduri quddiem dina l-Qorti mir-rikorrenti w il-konsulenti legali tagħhom, meta jidher ċar illi r-rikorrenti riedu jipprovaw jottjenu deċiżjoni tal-Qorti mingħajr ma jottemperaw ruħhom mal-obbligi fuqhom imposti, ossija illi jeżawrixxu r-rimedji tagħhom.**

34. Din il-Qorti tosserva wkoll illi r-rimedji ordinarji pprovduti lir-rikorrenti huma tali illi d-dritt illi huma jikkontendu illi seta' ġie lilhom reż jista' jiġi faċilment sanat f'każ illi huma jottemperaw ruħhom mal-obbligi illi s-soċjetajiet, li tagħhom huma diretturi u azzjonisti, kellhom jimxu magħhom u li, n-nuqqas ta' tali fatt wassal għat-tħassir tagħhom.

35. **Din il-Qorti tagħmilha ċara illi filwaqt illi d-drittijiet għandhom jiġu dejjem osservati u protetti, daqstant għandhom jiġu osservati u enforzati d-doveri illi wieħed għandu josserva – id-drittijiet u doveri għandhom jimxu id f'id u jitqiesu ta' l-istess importanza, fatt illi sfortunatament jidher illi hija opportunatament minsija regolarment minn ħafna minn dawk li jippretendu rimedju għall-allegat ksur ta' dritt minnhom pretiż.**

36. Fil-każ odjern, jidher ċar illi r-rimedji ordinarji għandhom ma ġewx eżawriti għaliex, skont l-artikolu 325(4) tal-Kap 386, hemm perjodu ta' ħames snin, mid-data tat-tħassir tal-kumpanija, sabiex ssir it-talba u jiġu riattivati.

37. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat kif ukoll tar-Reġistratur tal-Kumpaniji għall-motivi hawn fuq spjegati.

38. Din il-Qorti tqis illi, minkejja illi hemm eċċezzjonijiet wkoll fil-meritu mqajjma mill-intimati, la darba l-kawża odjerna **QATT MA MESSHA SARET MIR-RIKORRENTI**, din il-Qorti ma hijiex ser taħli aktar ħin tagħha bil-kawża odjerna, u ser tipproċedi biex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ippreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar rikorrent, u tal-Avukat tal-Istat;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-Avukat tal-Istat, u t-tilqa' wkoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti għar-raġunijiet spjegati.

L-ispejjeż għandhom ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur